**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs.**

**Carmel Galea**

Kaz Numru: 511/2016

Illum 22 ta' Dicembru 2016

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Carmel Galea**, iben Emanuel u Josephine nee' Cassar, imwieled fit-23 ta' Awwissu 1956 u residenti fil-fond numru 5, Triq l-Ghadira, Kercem u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 47956G,

akkuzat talli fit-22 ta' Lulju 2016 ghal habta tas-2.30p.m. fl-NGO Centre, Xewkija, Ghawdex;

1. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju;

2. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Dr. Mario Xerri I.D. 18959G;

3. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Dr. Mario Xerri I.D. 18965G jibza' li se tintuza vjolenza kontra tieghu jew kontra l-proprjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi hadd mill-axxindenti, dixxindenti, ahwa jew familjari ohra tieghu;

4. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PS820 Jonathan Vella, ufficcjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma halliex jew fixkel jew indahal lill-imsemmi ufficcjal waqt il-qadi ta' dmirijietu;

5. U aktar talli ngurja jew hedded jew ghamel offiza lil Dr. Mario Scerri, persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi;

Semghet sottomissjonijiet finali da parte tal-Ispettur Bernard Charles Spiteri ghall-Prosekuzzjoni u da parte tal-imputat Carmel Galea;

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz hu marbut ma dak li sehh waqt seduta tat-Tribunal tar-Regjun Ghawdex li sehhet fl-NGO Centre tax-Xewkija fit-22 ta' Lulju 2016 hekk kif il-Kummissarju tal-Gustizzja Dr. Mario Scerri ddecieda numru ta' kazijiet li kellu l-imputat Carmel Galea. Carmel Galea rreagixxa ghad-decizjoni billi beda jghajjat: "din mhux ser tispicca hawn, tieghek ghadha gejja!" Kellhom jintervjenu l-pulizija PC510 William Said u PS820 Jonathan Vella biex jikkontrollaw is-sitwazzjoni li zviluppat.

Illi l-Avukat Difensur tal-imputat Dr Alfred Grech fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2016 wara li kienu nstemghu x-xiehda kollha, rrinunzja ghall-patrocinju tal-imputat u vverbalizza li kien qieghed jirrinunzja "minhabba l-komportament tal-imputat fl-awla u d-diffikulta biex jikkomunika mieghu".

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-AKKUZI**

**Il-Hames (5) Imputazzjoni –**

**(Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:

Illi f'din l-imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reat konness mal-ingurji kontra ufficjali pubblici u precizament bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-Kodici Kriminali nsibu ukoll l-Artikolu 96. Issa dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn jikkontemplaw reati kommessi kontra ufficjal pubbliku, huma zewg reati ben distinti minn xulxin u l-elementi ta' kull wiehed minnhom ghandhom karatteristici unici. Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. (ara **The Police vs John Shayer et** deciza fl-14 ta' Novembru 1959, **Police vs Joseph Polidano** – 7 ta' Frar 1966 Il-**Pulizija vs Carmelo Zammit** – 23 November 1959 fost ohrajn) *"The difference to the two crimes envisaged under Sections 94 and 95 of the Criminal Code* (illum 95 u 96) *does not lie in the nature of the act, nor in the seriousness of the consequences, much less in the personal qualities of the injured person, but only in the character of the duties the injured person is performing at the time of the offence. Indeed Section 94* (illum 95) *states "while in the act of discharging his duty or because of his having discharged such duty, or with intent to intimidate or unduly influence him in the discharge of such duty,' whilst section 95* (illum 96) *requires that the offence is committed when in the execution of the*

*law or of a lawful order issued by a competent authority."* (**Police vs A.B. Michael Locking** deciza 3 ta' Ottubru 1966).

Illi ghalhekk filwaqt illi r-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 huwa reat ta' oltragg lill-ufficjal pubbliku waqt il-qadi tas-servizz pubbliku tieghu jew minhabba li jkun qieghed jaqdi tali servizz, l-artikolu 96 jipotizza r-reat ta' attakk jew resistenza kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li dik il-persuna tkun qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' xi ordni moghtija skont il-ligi minn xi awtorita kompetenti. Illi din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-artikolu 95(1) – waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan *is-servizz,* jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-*esekuzzjoni ta' dana is-servizz.*

F'sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

> *"Dana l-artikolu (b'riferenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-*

*servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz"".*

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1)filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu:

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

*"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."* **(sottolinjar tal-Qorti)**

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Giuseppe Borg** jinghad:

> *"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on  no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' <u>il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato</u>."* **(sottolinjar tal-Qorti).**

L-awturi kollha Taljani fosthom il-Maino u l-Carrara jsotnu:

> *"Non occorre che il pubblico ufficiale vesta la divisa, ma la sua qualita debe essere nota a chi resiste."*

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni rrizulta b'mod car ezattament x'kariga jokkupa l-parti leza u cioe' Dr Mario Scerri u x'kien qieghed jaghmel fil-mument tal-incident u cioe' jippresiedi t-Tribunal tar-Regjun ta' Ghawdex bhala Kummissarju tal-Gustizzja.  L-imputat tant jaf x'kienet il-funzjoni li kien qieghed jaqdi li fix-xiehda tieghu stess jaghmel referenza ghal dan u waqt battuti li ghadda waqt is-smigh tal-kawza qal li hu kien ilu jaghmel pressjoni fuq il-Ministru tal-Gustizzja Dr. Owen Bonnici biex inehhi lil Dr.

Mario Scerri minn Kummissarju tal-Gustizzja u sa issa l-Ministru ma kienx mexa ma' dak li jrid hu. Il-Qorti tiddikjara li jekk dak li stqarr l-imputat ghandu mis-sewwa, ghamel sewwa l-Ministru tal-Gustizzja Bonnici li ma tax widen ghal min ried li titwettaq vendikazzjoni u jitnehha min qieghed jaqdi l-funzjoni tieghu b'mod gust u jikkundanna lil min jippretendi li hu 'l fuq mil-ligi.

Ghalhekk ma hemmx dubju illi Dr Mario Scerri kien qieghed jaqdi funzjoni ta' Ufficjal Pubbliku fil-mument tal-incident u ghalhekk jirrizultaw ir-rekwiziti mposti fl-artikoli 95 tal-Kodici Kriminali, kif imfissra iktar 'il fuq, gew ippruvati a sodisfazzjon tal-Qorti. **L-imputazzjoni numru tnejn (2)** li hija wahda kontravenzjonali dwar insulti, theddid u ingurja qieghda tkun assorbita f'din l-imputazzjoni li l-imputat qieghed jinstab hati dwarha.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni –**
**(Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:

Illi l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**, deciza fl-24 t'April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro**, deciza fis-7 ta' Marzu 2012, u ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta' Frar 2012, liema sentenzi gew

moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-decizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

> "Biex ikun hemm ħtija taħt l-Artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-Artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din *a course of conduct* fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".

Illi jirrizulta li l-imputat ghandu atteggjament negattiv ghall-ahhar ghal Dr. Mario Scerri tant li hu stess fix-xiehda tieghu rrefera ghal dan u ftahar li "l-Ministru tal-Gustizzja Owen Bonnici ghad ma semghax minnu u nehha lil Dr. Mario Scerri minn Kummissarju Ghall-Gustizzja f'Ghawdex".

Sabiex tinstab htija taht Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 irid jigi pruvat *course of conduct*. Mill-provi prodotti u mismugha dan jirrizulta. Ghaldaqstant, l-imputat se jinstab hati ta' din l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni –</u>**

**<u>(Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi l-Qorti hija sodisfatta li l-imputat naqas li jobdi l-ordnijiet moghtija lilu mill-ufficjal tal-Pulizija PS820 Jonathan Vella. Illi waqt is-smiegh tal-kaz irrizulta li l-imputat irraporta lil PS820 Jonathan Vella lis-superjuri tieghu ghaliex dan wissieh ghall-agir abbuziv tieghu fil-konfront tal-Kummissarju Ghall-Gustizzja u wissieh li dment se jibqa' jkollu illegalitajiet fl-operat tieghu kien se jibqa' jingieb biex iwiegeb ghal dawn l-illegalitajiet.

Il-Qorti tikkundanna l-fatt li PS820 Jonathan Vella spicca nvestigat mis-superjuri tieghu u anke nharget akkuza kontrih (PD/375525/2/16) minhabba li l-imputat b'mod malinn ghamel rapport fil-konfront tas-Surgent Vella. Mhux sewwa li l-Ufficjali tal-Pulizija jaqghu ghal din it-tip ta' pressjoni li ssirilhom li min iwettaq xoghlu b'mod gust u jara li ma jghalaqx ghajnejh ghall-ksur tal-ligi jispicca ppenalizzat hu flok min qieghed jikser sfaccatament il-ligi.

Illi, minn dak li nghad hawn fuq, m'hemmx dubju li l-imputat ghandu jigi misjub hati ta' din l-imputazzjoni.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**
**(Ksur ta' Bon-Ordni jew il-Kwiet Pubbliku)**:

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*.

Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. M'hemmx dubju li dan ma jirrizultax fil-kaz odjern. Ghaldaqstant, l-imputat mhux ser jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Il-Qorti filwaqt li taqbel li l-imputat kellu kull dritt li ma jaqbilx mad-decizjoni tal-Kummissarju tal-Gustizzja tant li l-ligi tipprovdi ghall-appell, l-imputat ma kellu ebda dritt li jezercita dan id-dritt bl-ghajjat, l-istorbju, l-ingurji u t-theddid.

Mhux accettabli li min jissejjah biex iservi fil-qasam tal-Gustizzja jispicca umiljat u mhedded ghax iwettaq il-hidma fdata lilu skont il-gurament tal-hatra li jinghata.

Filwaqt li l-Ministru tal-Gustizzja Dr Owen Bonnici ghamel sewwa li ma cediex ghall-pressjoni tal-imputat u jnehhi lill-Kummissarju Ghall-Gustizzja ghal Ghawdex, huwa ta' thassib serju ghal din il-Qorti l-fatt li l-amministrazzjoni tal-Korp tal-

Pulizija cedew ghall-pressjoni tal-imputat u hargu akkuzi ta' dixxiplina fil-konfront ta' PS820 Jonathan Vella li qeda dmiru u protega lill-Kummissarju Ghall-Gustizzja u gibed l-attenzjoni ghal illegalitajiet li seta' ghandu l-imputat. Kuntrarjament ghall-akkuzi migjuba kontra s-Surgent Vella b'dak li ghamel, gholla r-reputazzjoni tal-Korp tal-Pulizija li ma jippermettux lil min jahseb li jista' jwettaq ksur ta' ligi u ma jwegibx ghal dan u ra li tinzamm il-bon ordni f'post fejn titwettaq Gustizzja.

Il-Qorti mhux se tippermetti li l-Awli tat-Tribunali Lokali u tal-Qrati jsiru post tal-ghajjat, theddid u ingurji. Il-Qorti b'pacenzja kbira semghet dan il-kaz waqt tliet seduti u ssaportiet l-attegjament arroganti u vendikattiv tal-imputat izda b'din id-decizjoni trid taghti messagg li min jissejjah biex ikun operator fil-qasam tal-Gustizzja ghandu jinghata l-protezzjoni kollha li jithalla jwettaq il-funzjoni b'serenita'.

**DECIDE:**

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti wara li rat Artikoli 338(dd), 338(ee), 339(1)(e), 251B(1) u 95 ma ssibx l-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u minnha tilliberah, issibu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija u multa komplessiva ta' elfejn ewro (€2,000).**

---

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**